MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Rikors Numru. 35/2012

**Anthony Taliana**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors Kostituzzjonali ta' Anthony Taliana, ippreżentat fil-15 ta' Mejju, 2012 fejn ġie premess:

Illi dan ir-rikors huwa in segwitu għal digriet tad-19 t'April 2012 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kopja tiegħu annessa u esebita Dok A. Dan id-digriet kien konsegwenti għal talba magħmulha mid-difiża fil-proċeduri quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn intalab l-isfilz tal-isqarrija tal-imputat f'dawk il-proċeduri Anthony Taliana, kif ukoll tar-rapporti ta' Godwin Sammut, Dr Mario Scerri u dan in vista tal-fatt li r-rapporti tagħhom joriġinaw mill-imputat. Saret ukoll riserva illi jintalab l-isfilz tar-rapport tas-Sur Buttigieg;

Illi fuq skorta tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati domestici Maltin irritenew illi persuna li tiġi interrogata mill-Pulizija mingħajr aċċess ta' avukat jew assistenza legali jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' smiegħ xieraq fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Dan il-prinċipju ġie artikolat f'diversi sentenzi tal-Qrati u anke f'istanzi, il-Qorti tal-Maġistrati applikabbli ġiet diretta mll-kompetenza kostituzzjonali biex tisfilza u ma tieħux konjizzjoni ta' stqarrija ta' persuna mputata / akkużata;

Illi l-fattispecie partikolari ta' dan il-każ huma illi Anthony Taliana ġie nterrogat waħdu, mingħajr aċċess għal avukat jew assistenza legali u rrilaxxja stqarrija mertu tat-talba tad-difiza fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; inoltre, jidher illi l-konklużjonijiet tal-esperti l-oħra ċjoe' Godwin Sammut, Dr Mario Scerri u s-Sur Buttigieg. Dr Mario Scerri kellem lil Anthony Taliana similment mingħajr ma kien hemm assistenza legali u l-esperti l-oħrajn ibbażaw il-konklużjonijiet tagħhom fuq prinċipalment jew esklussivament fuq l-istqarrija magħmulha minn Anthony Taliana kif spjegat;

Illi dan kollu juri illi l-mod kif ittieħdet din l-istqarrija u l-konklużjonijiet tal-esperti huma vvizzjati in kwantu in vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-

Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u kif sanċita fil-kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qori jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi illi:

(1) it-teħid tal-istqarrija u konsegwentement l-istqarrija ta' Anthony Taliana kif fuq premess hija in vjolazzjoni tal-artikolu 6 u kif sanċita fil-kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) illi l-konklużjonijiet tal-esperti msemmija Godwin Sammut, Dr Mario Scerri, u s-Sur Buttigieg huma similment in vjolazzjoni tal-artikolu 6 u kif sanċita fil-kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) tagħti konsegwentement kull rimedju, direttiva u provediment opportuni li tinkludi, iżda mhux limitata għal, l-isfilz tal-istqarrija u konklużjonijiet tal-esperti fl-atti tal-proċedura kriminali kontra Anthony Taliana;

(4) tagħti kull rimedju u / jew direttiva u / jew provvediment opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, ippreżetata fl-24 ta' Mejju 2012, a fol 12, li biha eċċepew:

Illi l-esponenti jirribattu li t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Illi l-lanjanza tal-imputat hija impernijata fuq il-fatt illi fl-istadju tal-

Inkjesta Maġisterjali, u ċjoe' fil-mument meta l-imputat xehed bil-ġurament volontarjament u ttieħditlu l-istqarrija quddiem l-Esperti nkarigati mill-Maġistrat Inkwerenti, l-istess imputat ma kienx assistit minn avukat;

L-esponenti jissottomettu illi l-istqarrija li minnha qed jillamenta l-imputat ġiet rilaxxata lill-Pulizija fit-30 ta' Lulju 2009 u meta l-imputat tressaq quddiem il-Onorabbli Qorti fejn l-Esperti nkarigati fl-Inkjesta ppreżentaw ir-Relazzjoni tagħhom, li kienet tinkludi fost dokumenti oħra l-istqarrija tar-rikorrent, huwa għażel li ma jagħmel l-ebda oġġezzjoni jew xi allegazzjoni fir-rigward ta' tali stqarrija, u kien biss wara li d-difiża rat il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni li għoġobha tqajjem din l-allegazzjoni. Illi bid-dovut rispett, dan juri atteġġjament kontradittorju da parti tar-rikorrent li, fi stadju bikri tal-proċeduri ma opponiex għall-preżentata tal-istess stqarrija fil-proċess kriminali, u issa wara li għandu konjizzjoni tal-provi kollha miġjuba mill-prosekuzzjoni, qiegħed iqajjem din il-lanjanza kostituzzjonali;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, imkien ma ġie allegat u minn imkien ma jirriżulta li l-imputat ġie b'xi mod imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Huwa ngħata t-twissija skont il-liġi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien se jgħid seta' jinġieb bi prova kontrih. L-esponenti jissottometti wkoll illi minkejja li ngħatat dina t-twissija, l-imputat volontarjament għażel li jwieġeb il-mistoqsijiet li sarulu;

Illi bid-dovut rispett, l-esponenti jissottomettu li d-dritt li suspettat ikun assistit minn avukat waqt il-ħinijiet li ttieħdietlu l-istqarrija m'huwiex konsegwenza naturali tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, aktar u aktar meta jkun hemm provi oħrajn, bħal kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ odjern, li jikkorroboraw it-teżi tal-Prosekuzzjoni dwar il-ħtija tar-rikorrent partikolarment ix-xhieda tax-

xhud okulari Natasha Chesney u tal-Esperti nkarigati mill-Maġistrat Inkwerenti, liema provi kollha jikkorraboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni u l-ħtija tal-imputat;

L-esponenti jissottomettu wkoll illi l-Qrati nostrani, kellhom l-opportunita' illi jeżaminaw din il-kwistjoni tal-allegata leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fl-istadju tar-rilaxx tal-istqarrija u llum-il ġurnata s-sitwazzjoni hi ben definita wara d-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Settembru 2011 fil-kawża fl-ismijiet *"Repubblika ta' Malta vs Sergei Nykytiuk"* u b'diversi sentenzi senjatament bid-deċizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Alvin Privitera"*[1] fejn ġew deċiżi l-linji gwidi fuq il-kwistjoni, u ċjoe' li l-istqarrija m'għandhiex tiġi sfilzata a priori mill-proċess għax b'hekk ikun qed jiġi usurpat d-dritt ta' konsiderazzjoni li jispetta biss lil min ikun qed jiġġudika dwar il-fatti tal-każ.

Illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti proċesswali huwa manifest li d-drittijiet tal-imputat, ma ġewx perikolati f'dawn il-proċeduri *stante* li, fi kwalunkwe każ, kien hemm biżżejjed ħin bejn l-inċident u l-mument li arrestawh il-Pulizija u għalhekk kwalunkwe allegazjoni ta' vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea magħmulha f'dawn iċ-ċirkostanzi hija ntiża biss sabiex ittawwal dawn il-proċeduri inutilment;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jissottomettu illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur in risposta m'għandhomx jiġu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti kemm fir-rigward ta' l-isfilz tal-istqarrija tar-rikorrent kif ukoll fir-rigward tar-relazzjoni u l-konklużjonijiet tal-esperti nkarigati mill-Qorti *stante* li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap 319.

[1] [11.04.2011]

Bl-ispejjeż.

Rat illi dawn huma proċeduri li ġew inizjati wara li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet talba tal-akkużat (ir-rikorrent Taliana) biex jiġu sfilzati l-istqarrijiet tiegħu minħabba li skont hu ġew lesi d-drittjiet fundamentali tal-bniedem meta assistit minn Avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Esekuttiva meta huwa rrilaxxa stqarrija allura mingħajr il-benefiċċju tal-assistenza ta' Avukat.

Rat illi huwa qed jagħmel it-talba anke fir-rigward ta' rapport li saru mill-esperti għaliex qed jallega li dawn oriġinaw mill-istess stqarrijiet tiegħu.

Rat l-atti tal-proċess kriminali li għadu pendenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Diċembru 2013 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li ngħata żmien għal partijiet biex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet;

Rat l-istess noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad ir-rikorrenti qed jitlob l-isfilz sija tal-istqarrijiet li għamel lill-Pulizija u sija r-rapporti tal-esperti imsemmija fir-rikors għaliex qed jallega li dawn saru insegwitu għall- istess stqarrijiet.

Illi din il-Qorti diversament preseduta, issa kellha aktar minn okkażjoni waħda tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni.

Illi waħda mill-ewwel kawżi fir-rigward kienet fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Mark Lombardi"** (deċiża fid-9 ta' Ottubru 2009, u l-appell sussegwenti deċiż fit-12 ta' April 2011). Din ġiet segwita fost oħrajn mill-kawża "**Pulizija vs Esron Pullicino"** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess data (ċjoe' fit-12 t'April 2011) illi kkonfermat sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fl-24 ta' Frar 2010.

Illi għalhekk il-Qorti se tagħmel riferenza estensiva għal din l-aħħar sentenza u wara tapplika l-insenjament tagħha għall-każ odjern.

Illi dakinhar (**"Pulizija vs Lombardi"**), bħalma għamel fil-każ odjern iżda fi kliem mhux eżattament l-istess, l-intimat fost affarijiet oħra għamel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem fil-kawża **"Imbroscia vs Svizzera"** fejn intqal illi:

> *"The manner in which article 6 (1) and 3 (c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the special feature of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case."*

Illi l-każ l-aktar ċelebri fir-rigward – dak ta' **"Salduz vs Turkija"** ġie msemmi fl-istess risposta ta' Lombardi b'dan il-mod:

*"Fil-każ **"Salduz vs Turkey"**, il-fatti kienu differenti mill-każ odjern. L-ewwelnett it-Turkija kellha liġi li tirregola l-materja. Jingħad ukoll illi Salduz kien minorenni fiż-żmien tal-każ u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament ħażin tiegħu waqt l-interrogazzjoni u li tal-istqarrija tiegħu meta mġiegħel."*

Illi din il-Qorti allura ċċitat kemm is-sentenza ta' **Salduz**:

*"Although article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of the police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, in the light of the entirety of the proceedings, has deprived the accused of a fair hearing."*

u kemm is-sentenza **"Plonka vs Polonja"** (deċiża fil-31 ta' Marzu 2009) fejn ingħad illi:

*"The Court eiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer ... is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless article 6 (3) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to the contracting states the choice of the means of ensuring that is secured in their judicial system, the Court' s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial, In this respect, it must be remembered that the convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory, but rights that are practical and effective and that assigning*

*counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused."*

Illi l-Qorti allura kkonkludiet illi l-fatt waħdu li persuna ma tkunx assistita minn Avukat ma jwassalx għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u,

*"biex ikun hemm ksur tal-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropeja jrid jiġi kunsidrat il-proċess ġudizzjarju kollu u mhux jiġu kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'. Jekk fi tmiem il-ġbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkużat tkun l-istqarrija tiegħu allura l-Qorti li trid tiddeċiedi l-każ, trid toqgħod attenta għax sejba ta' ħtija jistgħu jwasslu lill-Qorti tal-Appell biex tqis dik is-sentenza bħala 'unsafe'.*

Illi l-Qorti fil-każ in eżami tħoss li kuntrarjament għal każ ta' Lombardi, f'dan il-każ hemm żewġ fatturi mportanti li kienu mankanti f'dak il-każ. L-ewwelnett ir-rikorrenti kien minorenni meta ġie nterrogat; u it-tieni, il-prosekuzzjoni ġja' ddikjarat illi ma għandhiex aktar provi u allura l-unika prova fil-konfront tar-rikorrent hija appuntu l-istqarrija tiegħu. Kif jidher mis-sentenzi ċitati, wieħed irid jara l-proċess kollu u l-proċess kollu jikkonsisti biss fil-fatt li l-prosekuzzjoni pproduċiet stqarrija magħmula mill-akkużat li kien minuri meta ġie nterrogat. Huwa veru li huwa ma allegax li ġie maltrattat waqt l-interrogazzjoni iżda fil-każ in eżami wieħed mhux qed jitkellem dwar xi persuna mdorrija li tkun miġbura mill-Pulizija iżda tifel ta' sbatax-il sena b'fedina penali altrimenti netta u allura jidher li din kienet l-ewwel darba għalih li kien arrestat. Minorenni f'din is-sitwazzjoni aktar iva milli le jkun intimidat mill-istess preżenza ta' numru ta' uffiċjali tal-pulizja f'ambjent minnu nnifsu stramb għalih, jekk ma jkollu lill-ħadd min jgħinu u li fih jista' jafda. Mhux ġust li jiġi nterrogat, anke jekk dan isir bl-aktar mod delikat, mingħajr ma jkollu assistenza. F'ċertu pajjizi mhux leċitu li wieħed jinterroga minorenni mingħajr il-preżenza tal-persuna li jkollha l-kustodja tiegħu jew tagħha. Għalhekk tenut kont ta' kollox, il-Qorti taqbel li r-rikorrent kellu d-

drittijiet fundamentali tiegħu sanċit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea miksur.

Illi fil-każ odjern l-Ispettur li mexxa l-investigazzjoni xehed li huwa minnu li waqt meta ttieħdet l-istqarrija r-rikorrenti ma kellux assistenza legali. Kwindi bħala fatt ma hemmx kontestazzjoni dwar dan.

Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l-pożizzjoni legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl-istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **"John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali"** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:

> *"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' <u>Salduz</u>:*
>
> *". . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention."*
>
> *Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il-pożizzjoni estrema.*
> *Kif ġja' kellha okkażjoni illi tosserva[2], din il-Qorti ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat: dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm*

2 Ara *e.g.* "Il-Pulizija vs Amanda Agius" (Q. Kost. 22 ta' Frar 2013); "Il-Pulizija vs Tyrone Fenech" (Q. Kost. 22 ta' Frar 2013).

*garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx.*

*Ċertament, meta hemm dik il-pożizzjoni ta' vulnerabilita' t-teħid ta' stqarrija fl-assenza ta' avukat tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta' <u>Salduz</u> ir-rikorrent kellu biss sbatax-il sena meta ġie nterrogat mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta ħtija. Meta iżda, jumejn wara, reġa' ġie nterrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' **"Panovits vs Ċipru"**[3] l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-Qorti kellha tikkundannah għal disprezz in faciem curiæ – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' **"Płonka vs Il-Polonja"**[4], fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu. Fil-każ ta' **"Amutgan vs it-Turkija"**[5], imsemmi mill-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, instab ksur f'ċirkostanzi fejn "the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer"[6] għax "He maintained that he was illiterate and therefore he did not know what was written in his statement taken by the gendarmes. He also stated that this statement*

---

3 Q.E.D.B. 11 ta' Diċembru 2008, rikors 4268/04.

4 Q.E.D.B. 31 ta' Marzu 2009, rikors 30310/02.

5 Q.E.D.B. 3 ta' Mejju 2009, rikors 5138/04.

6 Para. 18.

*was not read out to him and that he was forced to put his thumbprint on the statement to authenticate it"*[7].

*Illi l-parir ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn iservi biex tingħeleb dik il-vulnerabilita' u biex tingħata garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija."*

Illi punt importanti fil-parti motivazzjonali tas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **"Pulizija vs Alvin Privitera"** (deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011) li huwa rilevanti għal din il-kawża huwa illi:

*"L-appellant ressaq aggravju dwar ir-rimedju li tat l-ewwel Qorti. Hu jissottometti li d-dikjarazzjoni ta' leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kellha tikkostitwixxi just satisfaction bizzejjed u ma kellhiex tiddikjara wkoll l-istqarrija bħala nulla u bla effett, imma kellha tħalli f'idejn il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali biex hi tevalwa l-validita' u l-ammissibbilta' tal-provi miġjuba quddiemha fil-kawża kriminali.*

*Jiġi rilevat li fil-parti disposittiva tas-sentenza, l-ewwel Qorti ddikjarat biss li n-nuqqas ta' preżenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni kienet leżiva tad-drittijiet tieghu kif sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Inoltre fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-avukat difensur tal-appellat ma sabx oġġezzjoni li tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali li tevalwa l-validita' u l-ammissibbilta' tal-provi miġjuba quddiemha fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti ta' leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni."*

7 Para. 15.

Illi dan ifisser li anke jekk l-ilment tar-rikorrenti jkun ġustifikat din il-Qorti ma kienitx se tordna l-isfliz kif mitlub iżda tħalli lill-Qorti li se tiġġudika l-każ biex tagħmel l-apprezzament tagħha hi.

Illi l-Qorti pero' jidhrilha mill-fatti ta' kif ittieħdet l-istqarrija in kwistjoni illi r-rikorrenti mhuwiex xi persuna vulnerabbli u li allura mhux minnu ġie mittiefes xi dritt fundamentali tiegħu kif qed jallega hu. Jidher anzi mill-provi, li bdew jinġabru, illi huwa ġab ruħu b'mod arroganti u allura zgur ma hux xi persuna li ħassitha intimidita mill-uffiċjali tal-Pulizija li nvestigawh, kif per eżempju rriżulta lil Qorti fil-kawża ta' Pullicino ġja' msemmija fejn l-akkużat kellu biss sbatax-il (17) sena. *Oltre* dan ġie mwissi sewwa qabel ma ttieħdet l-istqarrija u huwa altru minn ċar illi l-isqarrija saret volontarjament u mingħajr *'undue pressure'*.

Illi l-argument imbagħad li r-rapporti tal-esperti ukoll kisrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu għaliex ma kienx assistit waqt l-eżamijiet li sarulu hija fil-fehma tal-Qorti mingħajr fundament legali u wisq inqas fattwali. Ir-rikorrenti ma pprova bl-ebda mod li kien hemm xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu fir-rigward.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------